

Brussell, 6 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

13468/25  
ADD 1

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2025/0314 (NLE)**

---

**AVIATION 131**  
**ICAO 45**  
**RELEX 1259**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                               |
| data meta waslet: | 6 ta' Ottubru 2025                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                              |
| Suġġett:          | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/746 fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 622 annex.

Mehmuż: COM(2025) 622 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.10.2025  
COM(2025) 622 final

ANNEX

ANNESS

*tal-*

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/746 fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali**

**OBJETTIVI U LINJI GWIDA GĦALL-ISTABILIMENT TAL-POŻIZZJONIJIET  
LI GĦANDHOM JITTIEHĦU F'ISEM L-UNJONI FL-ORGANIZZAZZJONI TAL-  
AVJAZZJONI ĊIVILI INTERNAZZJONALI**

**Objettivi**

1. Il-promozzjoni ta' sistema tat-trasport bl-ajru sikura, effiċjenti, bi prestazzjoni tajba, miftuħa u ambjentalment korretta f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur<sup>1</sup>.
2. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kooperazzjoni reġjonali u ta' sistemi tal-avjazzjoni reġjonali, u l-appoġġ għar-rikonoxximent tagħhom mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization) u mill-Istati Kontraenti tagħha, kif ukoll l-integrazzjoni tagħhom fil-qafas tal-ICAO.
3. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' regoli u politiki li jiżguraw operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru sikuri u t-twettiq ta' sorveljanza xierqa fuq ir-regoli tas-sikurezza, f'konformità mal-qafas regolatorju għas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE) 2018/1139<sup>2</sup> u filwaqt li jitqies ir-rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni<sup>3</sup>.
4. Il-promozzjoni tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru effiċjenti, bi prestazzjoni tajba u interoperabbli, f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 2024/2803<sup>4</sup>, (KE) Nru 549/2004<sup>5</sup> u (KE) Nru 550/2004<sup>6</sup> u filwaqt li jitqies il-Pjan Globali tan-Navigazzjoni bl-Ajru u l-immodernizzar tal-blokok tas-sistemi tal-avjazzjoni (ASBUs, Aviation System Block Upgrades).
5. It-tkomplija tal-appoġġ, inkluż meta rilevanti permezz ta' assistenza teknika u attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp fl-Istati Kontraenti kollha tal-ICAO ta' sistema globali tat-trasport bl-ajru sikura, effiċjenti, bla xkiel u ambjentalment

<sup>1</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur”, COM(2020) 789 final, Brussell, 9.12.2020.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>).

<sup>3</sup> COM(2022) 529 final.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2803 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L, 2024/2803, 11.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2803/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew - Dikjarazzjoni mill-Istati Membri dwar kwistjonijiet militari relatati mal-ajru uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/549/oj>), għall-Artikoli 4(2) u 9 biss li jkomplu japplikaw sat-2 ta' Diċembru 2026; u l-Artikolu 11, ħliet il-paragrafu 2, li jkompli japplika għall-finijiet tat-tielet u r-raba' perjodu ta' referenza.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/550/oj>), għall-Artikolu 12(3) biss li jkompli japplika sat-2 ta' Diċembru 2026 u għall-Artikolu 15 li jkompli japplika għall-finijiet tat-tielet u r-raba' perjodu ta' referenza.

korretta, eż. permezz tal-proġetti tal-Unjoni tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI, Foreign Policy Instruments).

### **Linji gwida**

L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, għandhom jagħmlu kull sforz biex jappoġġaw l-azzjonijiet li ġejjin tal-ICAO:

1. Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' regoli u politiki li jiżguraw operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru sikuri u t-twettiq ta' sorveljanza xierqa fuq ir-regoli dwar is-sikurezza:
  - (a) jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjan Globali għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (GASP, Global Aviation Safety Plan);
  - (b) jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards u prattiki rakkomandati internazzjonali ("SARPs", Standards and Recommended Practices) għall-avjazzjoni ċivili adottati skont l-Artikoli 37 u 54(l) tal-Konvenzjoni ta' Chicago, b'mod partikolari fejn ikunu neċessarji għall-protezzjoni tal-passiġġieri u s-sikurezza tat-titjiriet;
  - (c) jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi tas-sikurezza tal-avjazzjoni reġjonali u oqfsa oħra ta' kooperazzjoni għas-sikurezza reġjonali fost l-Istati, u l-ħtieġa li dawn jiġu integrati aħjar fil-kuntest tal-ICAO;
  - (d) isegwu l-ħtieġa ta' standards għoljin ta' sikurezza madwar id-dinja biex jiġi żgurat li r-regoli dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti jilhqqu l-oġettivi tal-Unjoni bl-aħjar mod possibbli kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa<sup>7</sup>.
2. Sabiex jiġu żgurati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi tan-navigazzjoni bl-ajru effiċjenti, bi prestazzjoni tajba u interoperabbli:
  - (a) jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjan Globali tan-Navigazzjoni bl-Ajru (GANP, Global Air Navigation Plan) u l-proċeduri ta' monitoraġġ tiegħu bl-użu ta' kejl adegwat tal-prestazzjoni;
  - (b) jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istandards tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM, Air Traffic Management), il-Proċeduri għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (PANS, Procedures for Air Navigation Services), l-interoperabbiltà globali ta' teknoloġiji u sistemi ġodda u koordinazzjoni jew attivitajiet aktar mill-qrib fl-ATM, bħal li jikkontribwixxu għal xogħlijiet fuq l-iżvilupp tal-inizjattiva qafas ta' fiduċja u attivitajiet relatati oħra;
  - (c) jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' regoli, politiki u azzjonijiet fil-qasam tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ATM/ANS, Air Traffic Management and Air Navigation Services) b'mod partikolari f'konformità mar-Riżoluzzjoni A41-6, ir-Riżoluzzjoni A41-7 u r-Riżoluzzjoni A41-8 [u l-emendi tagħhom adottati fit-42 sessjoni tal-Assemblea].
3. Sabiex jitkompla l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema tat-trasport bl-ajru globali sikura, effiċjenti, mingħajr xkiel u ambjentalment korretta fl-Istati Kontraenti kollha tal-ICAO:
  - (a) jappoġġaw l-inizjattiva "No Country Left Behind";

---

<sup>7</sup> COM(2015) 598 final.

- (b) jappoġġaw il-kontribut tal-avjazzjoni favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;
- (c) jappoġġaw il-kontinwazzjoni, meta xieraq, ta' assistenza teknika u ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet.”